# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | SETTEMBRU 1943

## IL-MALTI FL-EDUKAZZJONI

NIŻŻUĦAJR 'l Alla f'Malta qam interess kbir fl-Edukazzjoni tat-tfal. Ħafna qegħdin jitħaddtu, jiktbu fuqha u jistudjaw għaliex s'issa l-Edukazzjoni ma mxietx il quddiem. Min deherlu ħaġa u min ħaseb oħra; xi wħud waħħlu fil-Malti, għax, qalu, li l istudju ta' dan l-ilsien hu telf ta' żmien, ifixkel suġġetti oħra u jnissel f'moħħ it-tfal impurtanza żejda ta' Malta. Jekk irridu nkunu nafu r-raġunijiet kollha li għalihom l-Edukazzjoni f'Malta baqgħet lura jeħtieġ l-ewwelnett li naraw sewwa xinhija l-Edukazzjoni, fuq liema sisien għandha tinbena, x'jista' jfixkilha u min hu responsabbli għaliha.

L-Edukazzjoni hija t-tiswir tal-karattru tat-tfal billi tiżviluppalhom s-setgħat tagħhom intellettwali u morali kif ukoll dawk ix-xeħtiet kollha li hemm fin-natura tagħhom u hekk thejjihom biex jieħdu posthom fis-Soċjetà. It-tifel hu bniedem li għandu ruħ u ġisem, u huwa membru tal-familja, tan-nazzjon u tal-Knisja. L-edukazzjoni mela trid tkun imsejsa fuq: l-individwalità, il-ħajja familjari, in-nazzjonalità u r-Reliġjon tat-tfal; naqqas waħda minn dawn u jkollok Edukazzjoni difettuża.

Il-Malti għandu x'jaqsam ma' dik il-parti ta' Edukazzjoni Maltija li tqis it-tifel bħala membru tas-Soċjetà Maltija. Il-Malti jeħtieġ iservi biex fit-tfal titrawwem imħabba għal art twelidhom u għal dak kollu li

hu Malti u hekk jitnissel fihom karattru sod. Il-Malti huwa l-għaqda ta' bejnietna u bih irridu ninqdew biex nagħarfu u ngħallmu 'l xulxin. Bil-Malti, imsieħeb ma' l-Istorja ta' Artna, irridu nilqgħu kontra l-*inferiority complex* li qiegħed iħerrilna minn taħt it-tradizzjonijiet, id-drawwiet u x-xejriet oħrajn Maltin.

L-importanza tas-suġġett hija oġġettiva u la tiċkien u lanqas tikber bil-għadd tas-sigħat li ndumu nitgħallmuh. Aktar ma suġġett ikun tqil u aktar ma trid tgħallmu sewwa aktar jeħtieġ żmien għalih. Jidhrilna li fl-iskejjel għandna nagħtu lill-Malti żmien meħtieġ biex it-tfal jitgħallmuh sewwa u jkunu jafu mhux biss jiktbuh bl-ortografija tagħna, imma jifhmuh u jħaddmuh bis-sengħa. L-aqwa ħaġa hija l-ispirtu ta' kooperazzjoni fit-tagħlim: jekk ikun hemm sinċerità, tattika, ħrara u għaqal f'min igħallmu, il-Malti ma jfixkilx 'l suġġetti oħra. L-esperjenza turina li tfal tajbin fil-Malti jkunu tajbin f'materji oħrajn ukoll. Il-Malti mhux il-ħtija li l-Edukazzjoni baqgħet lura; din il-ħtija jeħtieġ infiittxuha xi mkien ieħor.

Il-fehma tagħna hija din: il-Malti flimkien ma' l-Istorja ta' Malta għandu jkollu sehem sewwa fl-Edukazzjoni tat-tfal Maltin, għax fil-waqt li suġġetti oħra, bħal ma hu l-Ingliż jorbtuna mad-dinja, il-Malti jgħaqqadna bejnietna; nagħtuh dak li ħaqqu u xejn aktar; dan li aħna dejjem ridna u dan nibqgħu nitolbu għax nafu li b'hekk biss tista' tinħoloq letteratura maltija li fiha tigbor dak kollu li l-poplu Malti jħoss, irid u jixtieq, ħaġa li ma tista' ssir bl-ebda ilsien ieħor, inkunu nafuh kemm inkunu.